MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 379/2009/1

**John Patrick Hayman et**

**v.**

**Edmond Espedito Mugliett et**

**Il-Qorti:**

Rat l-eccezzjoni tar-rikuza tal-Imhallfin komponenti din il-Qorti sollevata mill-appellant Edmond Espedito Mugliett fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2009, ma' liema eccezzjoni assocjat ruhha llum ukoll l-appellanti Maria Theresa sive Marthese Mugliett;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum;

Ikkunsidrat:

L-eccezzjoni tal-appellanti – it-tnejn li huma – hija bbazata fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12. Issa, f'dawn il-proceduri tal-appell il-"kawza" li dwarha trid tiddeciedi din il-Qorti mhix l-istess "kawza" deciza minn din il-Qorti, kif illum komposta, fis-27 ta' Gunju 2008, fis-sens li l-meritu tal-kawza deciza f'Gunju 2008 huwa kompletament differenti mill-meritu tal-appell taht l-Art. 281 tal-Kap. 12. Dawn il-proceduri tal-lum jirrigwardaw il-validita` o meno tal-hrug tal-mandat in procinctu, mentri l-meritu tas-sentenza ossia tal-kawza deciza f'Gunju 2008 kien cirkoskritt bil-premessi u t-talbiet kif migjuba bic-citazzjoni promotrici u bl-eccezzjonijiet tal-konvenuti. Il-vertenza hekk cirkoskritta hija llum maghluqa definittivament bis-sentenza msemmija ta' Gunju 2008. Ghalhekk b'ebda tigbid tal-Artikolu 734(1)(d)(ii) ma jista' wiehed jifhem kif jista' jkun hemm ragunijiet ghal astensjoni skond id-disposizzjoni citata, u konsegwentement anqas ma tista' din il-Qorti takkolji l-eccezzjoni tar-rikuza sollevata mill-appellanti.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li pprocediet skond kif provdut fl-Art. 738(2) tal-Kap. 12, tirrespingi l-eccezzjoni tar-rikuza sollevata miz-zewg appellanti u tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appelli.

L-ispejjez ta' dan l-incident jithallas miz-zewg appellanti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------